SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Frar 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikolu 4 — Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae — Imposti fuq id-dħul mill-patrimonju — Kontribuzzjoni soċjali ġenerali — Kontribuzzjoni għall-ħlas lura tad-dejn soċjali — Imposta soċjali — Kontribuzzjoni addizzjonali għall-imposta soċjali — Parteċipazzjoni fil-finanzjament ta' skemi obbligatorji tas-sigurtà soċjali — Rabta diretta u suffiċjentement rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali"

Fil-Kawża C-623/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (Franza), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Novembru 2013, fil-proċedura

Ministre de l'Économie et des Finances

vs

Gérard de Ruyter,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, S. Rodin, A. Borg Barthet, E. Levits u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal G. de Ruyter, minn J. Molinié, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u R. Coesme, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u W. Roels, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 308, iktar 'il quddiem "ir-Regolament Nru 1408/71").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-ministre de l'Économie et des Finances (Ministru tal-Ekonomija u tal-Finanzi) u G. de Ruyter dwar il-ħlas ta' diversi kontribuzzjonijiet soċjali għas-snin 1997 sa 2004 u dwar vitalizju b'titolu oneruż b'sorsi mill-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Materji koperti" huwa fformulat kif ġej:

"1. Dan ir-Regolament jkun japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-friegħi segwenti tas-sigurtà soċjali:

a) il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

b) il-benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk intenzjonati għall-manteniment u l-miljorament tal-kapaċità tal-qliegħ;

ċ) il-benefiċċji tax-xjuħija;

d) il-benefiċċji tas-superstiti;

e) benefiċċji fejn jidħlu inċidenti fuq ix-xogħol u mard okkupazzjonali;

f) għotjiet tal-mewt;

g) benefiċċji tad-disimpjieg;

h) benefiċċji tal-familja.

2. Dan ir-Regolament ikun japplika għall-iskemi kollha tas-sigurtà soċjali ġenerali u speċjali, kemm dawk kontributorji kif ukoll dawk non-kontributorji, u għal skemi li għandhom x'jaqsmu mal-lijabiltà ta' xi ħadd li jħaddem jew sid ta' vapur fejn jidħlu l-benefiċċji li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 1."

4 Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti [Bla ħsara] għall-Artikoli 14 sa 17:

a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk ikun jabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

b) persuna li taħdem għal rasha fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk tabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

[...]"

Id-dritt Franċiż

5 Skont l-Artikolu L. 136-6 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, il-persuni fiżiċi li jkunu residenti fi Franza għal finijiet ta' taxxa, fis-sens tal-Artikolu 4 B tal-code général des impôts (Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi) huma suġġetti għal kontribuzzjoni fir-rigward tad-dħul mill-patrimonju abbażi tal-ammont nett meħud inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, b'mod partikolari, dħul minn immobbli, vitalizji b'titolu oneruż u dħul minn investiment kapitali.

6 Skont l-Artikolu 1600-0 C tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, li jissemma' f'numru ta' dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi dwar il-"[k]ontribuzzjoni soċjali ġenerali imposta favur il-Fond Nazzjonali ta' Allowances għall-Familja, tal-fond ta' solidarjetà tal-pensjoni tax-xjuħija u tal-iskemi obbligatorji tal-assigurazzjoni għall-mard" (iktar 'il quddiem iċ-"CSG"), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, il-persuni fiżiċi li jkunu residenti fi Franza għall-finijiet ta' taxxa, skont l-Artikolu 4B huma, kif jingħad fl-Artikolu L. 136-6 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, suġġetti għal kontribuzzjoni fir-rigward tad-dħul mill-patrimonju abbażi tal-ammont nett meħud inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, b'mod partikolari, dħul minn immobbli, vitalizji b'titolu oneruż u dħul minn investiment kapitali.

7 Skont l-Artikoli 1600-0 G u 1600-0 H tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, dawn il-persuni huma wkoll suġġetti għal "kontribuzzjoni għall-ħlas lura tad-dejn soċjali" (iktar 'il quddiem iċ-"CRDS"), abbażi tal-istess dħul.

8 Skont l-Artikolu 1600-0 F(a) tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, l-imsemmija persuni huma, barra minn hekk, suġġetti għal "taxxa soċjali" ta' 2 % fuq dan l-istess dħul kif ukoll, mill-1 ta' Lulju 2004, skont l-Artikolu L. 14-10-4 tal-code de l'action sociale et des familles (Kodiċi tal-Għajnuna Soċjali u tad-Drittijiet tal-Familja), għal kontribuzzjoni addizzjonali ta' 0.3 %.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 G. de Ruyter, ċittadin Olandiż li jirrisjedi fi Franza, jaħdem ma' Vermeer Verenigde Bedrijven BV, kumpannija Olandiża.

10 Mill-1997 sal-2004, G. de Ruyter iddikjara fi Franza dħul minn sorsi tal-Pajjiżi l-Baxxi magħmul minn salarji, dħul minn investiment kapitali, profitt industrijali u kummerċjali kif ukoll vitalizji b'titolu oneruż imħallsa minn żewġ kumpanniji ta' assigurazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi.

11 L-amministrazzjoni fiskali Franċiża kkunsidrat li l-vitalizji b'titolu oneruż rċevuti minn G. De Ruyter jikkostitwixxu dħul mill-patrimonju u ssuġġettat il-persuna kkonċernata, minħabba dawn il-vitalizji, għall-kontribuzzjonijiet taċ-CSG, taċ-CRDS, għat-taxxa soċjali ta' 2 % kif ukoll għall-kontribuzzjoni addizzjonali ta' 0.3 % ta' din it-taxxa.

12 G. de Ruyter ressaq quddiem din l-amministrazzjoni lmenti dwar il-fondatezza ta' dawn it-taxxi, billi qies li l-obbligu li ġie impost fuqu li jikkontribwixxi, minħabba dan l-istess dħul, għal żewġ skemi distinti tas-sigurtà soċjali kien imur kontra l-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali applikabbli skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71, peress li dan id-dħul kien diġà ġie suġġett għal taxxa tal-istess natura fil-Pajjiżi l-Baxxi. Wara ċ-ċaħda kemm ta' dawn l-ilmenti kif ukoll tar-rikorsi sussegwenti ppreżentati quddiem il-qrati amministrattivi ta' Marseille u ta' Nîmes, G. de Ruyter appella mis-sentenzi mogħtija minn dawn il-qrati quddiem il-cour administrative d'appel de Marseille.

13 Permezz tas-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2009 u tal-1 ta' Lulju 2010, il-cour administrative d'appel de Marseille eżentat lil G. de Ruyter mill-kontribuzzjonijiet fir-rigward tal-vitalizji li huwa kien irċieva, għas-snin 1997 sa 2000 u 2001 sa 2004 rispettivament, peress li kkunsidrat li l-fatt li l-vitalizji jkunu suġġetti għat-taxxi inkwistjoni jikser il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema stabbilit mill-Artikolu 39 KE.

14 Il-ministre du Budget, des Comptes publics, de la Fonction publique et de la Réforme de l'État (Ministru tal-Baġit, tal-Kontijiet Pubbliċi, tas-Servizz Pubbliku u tar-Riforma tal-Istat) appella kontra dawn is-sentenzi quddiem il-Conseil d'État.

15 Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Lulju 2013, il-Conseil d'État annullat parzjalment is-sentenza tal-cour administrative d'appel de Marseille tal-15 ta' Ottubru 2009 u annullat kompletament is-sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Lulju 2010. Hija qieset li s-sempliċi fatt li l-vitalizji kkonċernati kienu ntaxxati fil-Pajjiżi l-Baxxi bl-istess mod bħal dak li ġew suġġetti għalih fi Franza ma kienx biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-moviment liberu tal-ħaddiema, peress li t-Trattat KE, li kien japplika dak iż-żmien, ma kienx jistabbilixxi kriterji ġenerali għat-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tat-taxxa doppja fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

16 Filwaqt li l-Conseil d'État iddeċieda li jagħti deċiżjoni fuq il-mertu fir-rigward taż-żewġ kawżi mressqa quddiemu, u sa fejn G. de Ruyter sostna li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tmur kontra l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71, hija qieset li, sabiex tevalwa l-portata tal-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni msemmi f'dan l-artikolu, kellu jiġi stabbilit jekk dawn it-taxxi kellhomx rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 u li għalhekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

17 F'dan ir-rigward, il-Conseil d'État ikkonstata li, minn naħa, l-imsemmija taxxi jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji Franċiżi tas-sigurtà soċjali.

18 Min-naħa l-oħra, u b'differenza mis-sitwazzjonijiet li taw lok għas-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (C-34/98, EU:C:2000:84) u Il-Kummissjoni vs Franza (C-169/98, EU:C:2000:85), il-Conseil d'État osserva li t-taxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex imposti fuq dħul minn impjieg u dħul sostitut, b'mod li huma parzjalment sostitwit għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżda huma imposti biss fuq id-dħul mill-patrimonju tal-persuna taxxabbli kkonċernata, indipendentement mill-eżerċizzju ta' attività professjonali ta' din tal-aħħar.

19 Il-Conseil d'État osserva wkoll li l-imsemmija taxxi ma għandhom ebda rabta mal-akkwist tad-dritt għal benefiċċju jew vantaġġ mogħti minn skema tas-sigurtà soċjali u li, għal din ir-raġuni, huma meqjusa li għandhom natura taxxabbli u mhux ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fis-sens tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u leġiżlattivi nazzjonali.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Ġbir [Imposti] fiskali fuq id-dħul mill-patrimonju, bħaċ-CSG fuq id-dħul mill-patrimonju, iċ-CRDS ibbażat fuq l-istess dħul, il-ġbir [imposta] soċjali ta' 2 % u l-kontribuzzjoni addizzjonali għal dan il-ġbir, għandhom, minħabba s-sempliċi fatt li jipparteċipaw għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji Franċiżi tas-sigurtà soċjali, rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament [1408/71] u b'hekk jidħlu fil-kamp ta' dan ir-regolament?"

Fuq id-domanda preliminari

21 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk taxxi fiskali fuq id-dħul mill-patrimonju, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji tas-sigurtà soċjali, għandhomx rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1408/71 u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, minkejja l-fatt li dawn it-taxxi huma imposti fuq id-dħul mill-patrimonju tal-persuni taxxabbli, indipendentement mill-eżerċizzju ta' attività professjonali minn dawn tal-aħħar.

22 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament f'termini li minnhom jirriżulta li huma suġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni l-iskemi tas-sigurtà soċjali fl-intier tagħhom (sentenzi Jansen, 104/76, EU:C:1977:72, punt 7, u Rheinhold & Mahla, C-327/92, EU:C:1995:144, punt 15).

23 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-element determinanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 huwa li jkun hemm rabta, diretta u suffiċjentement rilevanti, bejn id-dispożizzjoni inkwistjoni u l-leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 (sentenzi Rheinhold & Mahla, EU:C:1995:144, punt 23; Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punt 35, u Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punt 33).

24 Il-fatt li imposta tiġi kklassifikata bħala taxxa minn leġiżlazzjoni nazzjonali ma jeskludix il-fatt li, fir-rigward tar-Regolament Nru 1408/71, din l-istess imposta tkun tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament (sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punt 34, u Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punt 32).

25 Din il-konstatazzjoni la tista' tiġi kkonfutata mill-fatt li l-imposta kkonċernata hija parzjalment intiża li tpaċi dejn tal-iskema tas-sigurtà soċjali minħabba l-finanzjament tal-benefiċċji mogħtija fil-passat (sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punt 39) u lanqas, kif osservat ukoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tagħha, mill-fatt li l-imsemmija imposta ma hijiex intiża li tissostitwixxi kontribuzzjonijiet soċjali li kienu diġà jeżistu.

26 Bl-istess mod, l-eżistenza jew l-assenza ta' korrispettiv ta' benefiċċji ma għandhiex rilevanza għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, peress li l-kriterju determinanti huwa dak tal-allokazzjoni speċifika ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' skema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punti 39 u 40, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punti 37 u 38).

27 Għalhekk, f'każijiet fejn kien hemm inkwistjoni imposti fiskali mill-amministrazzjoni tat-taxxa Franċiża fuq id-dħul mill-impjieg u dħul sostitut irċevut minn ħaddiema impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom residenti fi Franza, li kienu suġġetti għall-iskema fiskali tar-Repubblika Franċiża, iżda li kienu jaħdmu fi Stat Membru ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dawn l-imposti kienu jikkontribwixxu speċifikament u direttament għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali fi Franza u minn dan iddeduċiet li dan kien jirrappreżenta rabta diretta u rilevanti b'mod suffiċjenti mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma

tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 (sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punti 36 u 37, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punti 34 u 35).

28 L-istess konklużjoni għandha tinsilet fir-rigward tal-imposti inkwistjoni fil-kawża prinċipali li ma jikkonċernawx id-dħul mill-impjieg u d-dħul sostitut tal-ħaddiema, iżda huma imposti fuq id-dħul mill-patrimonju, peress li ma huwiex ikkontestat li l-profitt ta' dawn l-imposti jikkontribwixxi direttament u speċifikament għall-finanzjament ta' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali fi Franza jew sabiex jinħeles id-dejn ta' dawn tal-aħħar.

29 L-imsemmija imposti għalhekk jirrappreżentaw rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-liġijiet li jirregolaw l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71, indipendentement mill-assenza ta' rabta bejn id-dħul mill-patrimonju tal-persuni taxxabbli u l-eżerċizzju ta' attività professjonali minn dawn tal-aħħar.

30 F'dan ir-rigward, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 ma hijiex suġġetta għall-eżerċizzju ta' attività professjonali.

31 Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol hija irrilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, peress li l-fattur determinanti f'dan ir-rigward huwa l-fatt li persuna tkun assigurata, b'mod obbligatorju jew volontarju, kontra wieħed jew iktar mir-riskji fil-kuntest tal-iskema ġenerali jew speċifika tas-sigurtà soċjali msemmija fl-Artikolu 1(a) ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Martínez Sala, C-85/96, EU:C:1998:217, punt 36, u Borger, C-516/09, EU:C:2011:136, punti 26 u 28).

32 Barra minn hekk, il-kunċett ta' "leġiżlazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71 huwa kkaratterizzat mill-kontenut wiesa' tiegħu, li jinkludi kull tip ta' miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi adottati mill-Istati Membri, u għandu jinftiehem bħala li jinkludi l-miżuri nazzjonali kollha li japplikaw f'dan il-qasam (sentenza Bozzone, 87/76, EU:C:1977:60, punt 10).

33 Din l-interpretazzjoni hija, barra minn hekk, ikkorroborata mill-għan imfittex mir-Regolament Nru 1408/71 kif ukoll mill-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan tal-aħħar.

34 Fil-fatt, sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament tagħhom skont il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti, ir-Regolament Nru 1408/71, implementa, fit-Titolu II tiegħu, sistema ta' koordinazzjoni li tirrigwarda b'mod partikolari l-istabbiliment tal-leġiżlazzjoni jew tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jużaw, f'ċirkustanzi differenti, id-dritt tagħhom għall-moviment liberu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Derouin, C-103/06, EU:C:2008:185, punt 20, u Tomaszewska, C-440/09, EU:C:2011:114, punti 25 u 28).

35 In-natura kompleta ta' din is-sistema ta' regoli ta' kunflitt għandha bħala effett li tneħħi s-setgħa tal-leġiżlatur ta' kull Stat Membru li jiddetermina liberament il-portata u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' persuni suġġetti għaliha u fir-rigward tat-territorju li fih id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipproduċu l-effetti tagħhom (sentenzi Luijten, 60/85, EU:C:1986:307, punt 14, u Somova, C-103/13, EU:C:2014:2334, punt 54).

36 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprevedi li persuni li għalihom japplika dan ir-regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss, fatt li għaldaqstant jeskludi, bla ħsara għall-każijiet previsti fl-Artikoli 14ċ u 14f, kull possibbiltà ta' kumulu, għall-istess perijodu, ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, sentenza Perenboom, 102/76, EU:C:1977:71, punt 11).

37 Dan il-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali huwa intiż li jevita l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni simultanja ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u li jelimina l-inugwaljanzi fit-trattament li, għall-persuni li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni, ikunu l-konsegwenza ta' kumulu parzjali jew intier tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli (ara, f'dan is-sens, sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punt 46; Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punt 43, u Allard, C-249/04, EU:C:2005:329, punt 28).

38 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 ma tistax tiġi limitata għad-dħul li dawn il-persuni jirċievu mir-relazzjonijiet ta' xogħol tagħhom, inkella din toħloq differenzi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament skont l-oriġini tad-dħul li dawn jirċievu.

39 Fil-fatt, obbligu impost fuq residenti ta' Stat Membru li huma affiljati mas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru ieħor sabiex jiffinanzjaw ukoll, anki jekk biss parzjalment, is-sigurtà soċjali tal-Istat ta' residenza, joħloq b'dan il-mod inugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71, peress li r-residenti l-oħra kollha ta' dan l-aħħar Stat Membru huma biss obbligati jikkontribwixxu għall-iskema tas-sigurtà soċjali tiegħu (ara, f'dan is-sens, sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:84, punti 45 sa 48, u Il-Kummissjoni vs Franza, EU:C:2000:85, punti 42 sa 45).

40 Fil-każ ineżami, peress li G. de Ruyter, bħala ħaddiem migrant, huwa suġġett għas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru ta' impjieg, jiġifieri fil-Pajjiżi l-Baxxi, u li ma jaqa' taħt l-ebda eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 14ċ u 14f tar-Regolament Nru 1408/71, li jawtorizzaw il-kumulu ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali, ma jistax jiġi suġġett mill-Istat Membru ta' residenza, fir-rigward kemm id-dħul li jirriżulta minn relazzjoni ta' xogħol kif ukoll dak li jirriżulta mill-patrimonju tiegħu, għal dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu imposti li għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-liġijiet li jirregolaw l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71.

41 Barra minn hekk, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tagħha, minħabba l-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli, stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71, dawn il-konstatazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkontestati minħabba l-fatt li d-dħul mill-patrimonju ta' G. de Ruyter kien għad ma huwiex suġġett għal imposta fil-forma ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru ta' impjieg.

42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li imposti fuq id-dħul mill-patrimonju, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom, meta jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji tas-sigurtà soċjali, rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1408/71 u b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, minkejja l-fatt li dawn huma imposti fuq id-dħul mill-patrimonju tal-persuni taxxabbli, indipendentement mill-eżerċizzju ta' attività professjonali minn dawn tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, kif emendat u aġġornat

bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998, għandu jiġi interpretat fis-sens li imposti fuq id-dħul mill-patrimonju, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom, meta jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji tas-sigurtà soċjali, rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament 1408/71, u b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, minkejja l-fatt li dawn huma imposti fuq id-dħul mill-patrimonju tal-persuni taxxabbli, indipendentement mill-eżerċizzju ta' attività professjonali minn dawn tal-aħħar.

Firem